MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1950/1999/1

Medserv Limited

Vs

Albert Muscat

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-6 ta’ Settembru 1999 li permezz taghha s-socjeta’ attrici filwaqt li ppremettiet illi l-konvenut istitwixxa proceduri (Kaz numru 1340) quddiem it-Tribunal Insudtrijali fil-konfront tas-socjeta’ attrici dwar it-tkeccija mill-impieg fit-13 ta’ April 1999, allegata li hi mgusta; illi s-socjeta’ attrici f’dawk il-proceduri eccepiet ‘inter alia’ illi t-talba tal-konvenut kienet intempestiva u li t-Tribunal adit kien inkompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kwistjoni minhabba l-klawsola arbitrali stipulata fl-artikolu 15 tal-kuntratt tal-impieg data 21 ta’ Awissu 1998; illi bid-decizjoni tieghu tat-2 ta’ Settembru 1999 t-Tribunal Industrjali rrespinga din l-eccezzjoni fuq il-motiv li ghandu gurisdizzjoni esklussiva f’kazijiet bhal dak de quo agitur u

li l-kuntratt ma setghax jistipula kondizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk stabbilit fic-C.E.R.A.; illi d-decizjoni hekk moghtija hi fondata fuq enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u tal-gurisprudenza maghrufa in kwantu l-klawsola arbitrali stipulata fil-kuntratt kienet intiza biex teffettwa l-interessi privati u drittijiet tal-partijiet u l-konvenut ma setghax jadixxi lit-Tribunal imsemmi stante li l-klawsola kompromissorja msemmija dderogat ghall-gurisdizzjoni ordinarja; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi s-sentenza profferita fit-2 ta' Settembru 1999 mit-Tribunal Industrjali fil-kaz fl-ismijiet inversi hi erronea u kontra l-ligi billi l-istess Tribunal ma laqax l-eccezzjoni moghtija mis-socjeta' attrici dwar l-intempesitivita' u l-fatt tad-deroga tal-gurisdizzjoni tal-istess Tribunal minhabba l-klawsola kompromissjorja stipulata fil-kuntratt tal-impieg tal-21 ta' Awissu 1998;
2. konsegwentement tannulla u thassar l-istess decizjoni hekk moghtija.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut hekk minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-26 ta' Jannar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-klawsoli 9 u 15 stipulati fil-kuntratt ta'impieg imsemmi mis-socjeta' attrici, inaqqas mill-protezzjoni minima li tati l-ligi lil kull impjegat;
2. illi l-klawsola arbittrali msemmija fic-citazzjoni tmur kontra l-art. 28 (1) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li t-Tribunal Industrjali ghandu l-gurisdizzjoni sabiex jiddecidi kull kaz fejn issir allegazzjoni ta' tkeccija ngusta, kif tezisti fil-kaz in ezami, u dana minkejja dak kollu li jinsab f'kull ligi ohra. Illi ghalhekk t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-22 ta’ Frar 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta’ Mejju 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2000 meta l-attur iddikjara li ma kellux provi xi jressaq filwaqt li l-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut biex jigu allegati l-atti fil-proceduri Kaz 1340 quddiem it-Tribunal Industrijali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fil-21 ta' Awissu 1998 l-konvenut odjern kien gie ngaggat bhala "roustabout" mas-socjeta' attrici liema kuntratt ta' impieg kien marbut mal-htiega tas-socjeta' Saipem SPA ta' persuni kwalifikati biex jahdmu fuq ir-rig IMPIANTO 5846 waqt thaffir ghaz-zejt fl-ibhra madwar Ghawdex.

Il-kuntratt ta' impieg kien ghall-perijodu kollu li l-istess socjeta' Saipem tibqa ingaggat fl-intrapriza fuq imsemmija, izda jirrizulta li dan l-impieg gie terminat b'mod prematur fit-12 ta' April 1999 billi s-socjeta' attrici giet mitluba mis-socjeta' Saipem sabiex tissostitwixxi lill-konvenut u impjegat iehor "*as they are creating trouble on the place of work*". Ir-raguni lghala kien hemm terminazzjoni mhux relevanti ghal dawn il-proceduri. Mat-terminazzjoni tal-impieg tieghu l-konvenut hass li t-tkeccija tieghu ma kienetx ghall-raguni gusta u ghalhekk a termini ta' l-artikolu 28 ta'l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali, talab li l-kaz tieghu jigi kunsidrat mit-Tribunal Industrijali mahtur in forza tal-istess ligi.

Waqt il-proceduri imsemmija s-socjeta' attrici ssollevat l-eccezzjoni tal-intempestivita' billi, skond l-istess socjeta', t-tribunal adit kien inkompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kwistjoni minhabba l-klawsola arbitrali stipulata fil-

Klawsola 15 tal-Kuntratt ta' Impieg tal-applikant. Din il-klawsola tghid hekk:
"*In the event that this Agreement is required to be interpreted by third parties, the Laws of Malta shall be applied to such interpretation and in particular the conditions of Employment (Regulation) Act 1982. Any claim or dispute under this agreement shall be referred to an* ***Arbitrator*** *having legal qualifications, mutually agreeed upon by the parties.*" Il-klawsola in kwistjoni mbaghad tkompli tispjega x'ghandu jsir meta jkun hemm nuqqas ta' ftehim dwar ix-xelta ta' l-arbitru.

Din l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici giet determinata b'digriet tat-Tribunal Industrijal tat-2 ta' Settembru 1999. It-Tribunal osserva li l-Att dwar ir-Relazzjoni Industrijali jaghti gurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal fil-kazijiet kollha fejn issir allegazzjoni ta' tkeccija ngusta. Inoltre l-istess Tribunal rritjena li l-klawsola arbitrali kienet tmur kontra l-provedimenti ta' l-Att Dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg billi tirrendi anqas favorevoli l-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu u b'hekk ma setghatx tigi implimentata a termini ta' l-Artikolu 38 tal-istess Att. Konsegwentement din l-eccezzjoni giet michuda.

Dawn il-proceduri huma intizi sabiex jigi dikjarat li li s-sentenza tat-Tribunal fuq imsemmija tigi dikjarata nulla. Naturalment jekk din it-talba tigi milqugha l-proceduri quddiem it-Tribunal fil-kaz ta' Albert Muscat, li presentament jinsabu differiti "sine die", ma jkunx jistghu jtkomplew.

Ikkunsidrat:-

L-abbli difensur tas-socjeta' attrici qed jissottometti, kif effettivament gja kien ghamel quddiem it-Tribunal, li kuntratti validament maghmulha ghandhom is-sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom. Dan kif enuncjat fl-artikolu 992 tal-Kidici Civili. Isegwi, skond l-istess difensur, li kull konvenzjoni kontenuta fl-imsemmi kuntratt ta' impieg ghandha tinghata ezekuzzjoni. Senjatament qed jigi sottomess li giala darba l-partijiet qablu li kull kwistjoni li tista' tinqala bejniethom naxxenti mill-impieg tal-konvenut,

ghandha tigi riferita lill-Arbitru, allura t-Tribunal Industrijali kellu jastejeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba proposta mill-istess konvenut.

In sostenn ta' dan l-argument s-socjeta' attrici ghamlet referenza ghad-decizjoni tal-Onor Qorti ta'l-Appell Kummercjali tal-5 ta' Gunju 1985 fil-kawza fl-ismijiet "*Maria Carmela Casha pro et noe vs Albert Mizzi et noe*" fejn l-istess Qorti rrevokat is-sentenza tal-prim istanza meta, eccezzjoni simili ghal dik sotto ezami, kienet giet michuda, billi laqghat l-appell interpost mill-*employer* inkwantu gie ritenut li l-klawsola arbitrali dderogat ghall-gurisdizzjoni ordinarja u "*l-attur appellat* (u mhux *appellant* kif erroneament ripordott fil-Vol LXIX tal-Kollezzjonijiet tad-Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri) *messu ddeferixxa l-kwistjoni ghall-arbitru kif kien miftiehem*"

Jidher pero' li kien hemm ripensament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-interpretazzjoni u l-portata ta' l-artikolu 28 ta' l-Kap 266 billi f'sentenza recenti moghtija mill-istess Qorti fil-kaz ta' Dr. Carmel Chircop vs Malta Maritime Authority l-istess Qorti irriteniet li it-Tribunal Industrijali kellu competenza esklussiva f'kazijiet ta' "unfair dismissal".

Ikkunsidrat:-

Kuntratt ta' impieg, bhal kull kuntratt iehor, jorbot lill-partijiet li jkunu konpartecipi kemm-il darba dak l-kuntratt ghadu vinkolanti. Ghalhekk f'kaz ta' kuntratt ta' impieg, l-istess kuntratt jorbot lill-partijiet dement li l-impiegat ghadu jokkupa tali kariga. Jekk ghal xi raguni jew ohra l-impieg ta' dak li jkun jigi terminat il-kuntratt ma jibqax "in vigore". Dan huwa rifless fil-klawsola 14 tal-istess kuntratt ta' impieg fejn jinghad espressament hekk:-"*The employee acknowledges and understands that this agreement is for a specified undertaking on the oil rig IMPIANTO 5846 and that when the Drilling Company shall fulfil its operations, or <u>the Employee is dismissed for any reason whatsoever under this Agreement,</u> or become redundant by the Drilling Company, then he shall no longer be deemed to be in the employment of the Company and <u>this</u>*

<u>*Agreement shall for all intents and purposes be terminated forthwith."*</u> (sottolinear tal-Qorti).

Ghalhekk l-klawsola numru 15 li titkellem fuq "*arbitration*" tista' biss tigi interpretata li tapplika ghal kwalunkwe kwistjoni li tista' tqum bejn l-partijiet matul l-pendenza tal-ftehim u mhux wara. Infatti din il-klawsola tibda bil-kliem "*In the event that this Agreement is required to be* <u>*interpreted*</u> *by third parties ...."* Issa ghalkemm huwa minnu li s-sentenza tal-Onor Qorti ta' l-Appell citata mid-difensur tas-socjeta' attrici u fuq imsemmija, taghti forza u tirrikonoxxi l-validita' tal-klawsola arbitrali, ghandu jinghad li f'dak il-kaz, kuntrarjament ghal kaz presenti, l-kwistjoni ta' bejn il-partijiet kienet purament dwar interpretazzjoni ta' klawsola kuntrattwali u cioe jekk l-ispejjes tal-ivjaggar tal-impjegat biex jigi lura Malta minn fuq il-lant tax-xoghol, kellux jhallashom hu, kif kienet qed tirretjeni s-socjeta' li kienet timpjegah, jew jekk dawn kellhomx jithallsu mill-istess "*employer".* Certament dak kien kas fejn il-kuntratt ta' impieg kien ghadu vigenti u konsegwentement l-partijiet kienu, kif sewwa rriteniet l-Onor Qorti ta' l-Appell, ghadhom marbuta bil-klawsoli kuntrattwali - fosthom l-klawsola arbitrali.

Fil-kaz in ezami l-kuntratt ta' impieg gie terminat mis-socjeta' attrici. Isegwi li (a) ma kienx hemm aktar kuntratt bejn il-partijiet u (b) fi kwalunkwe kaz il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet ma kienetx wahda ta' interpretazzjoni tal-kuntratt izda pjuttost sabiex jigi stabbilit jekk dak l-istess kuntratt ghandux jig riattivat billi jigi dikjarat li tali terminazzjoni ma kienetx ghal raguni gusta skond il-ligi. Il-konvenut odjern fic-cirkostanzi ma kellux triq ohra hlief li jadixxi t-Tribunal Industrijali a termini ta'l-Artikolu 28 tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jghati gurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal Industrijali "*to consider and decide all cases of alleged unfair dismissal for all purposes other than proceedings in respect of an offence against any enactment, and the remedy of a worker so dismissed for breach of his right not to be unfairly dismissed shall be by way of reference of his complaint* <u>*to the Industrial Tribunal and not*</u>

*otherwise*." L-istess artikolu jaghmel enfazi fuq dan meta jipprovdi dwar proceduri li setghu kienu gew istitwiti quddiem qorti ohra kompetenti qabel il-promulgazzjoni ta' dan l-Att, billi f'dan il-kaz, u f'dan il-kaz biss, tali proceduri jkunu jistghu jitkomplew quddiem dik il-Qorti.

Illi tenut kont ta' dana kollu din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi skorrettezza fis-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-2 ta' Settembru 1999 li tista' twassal ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taghha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri